

Brussell, 20 ta' Frar 2026  
(OR. en)

6623/26

EF 42  
ECOFIN 239  
DELECT 37

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	20 ta' Frar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 990 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'20.2.2026 li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/577 fir-rigward tal-limitazzjoni tal-volum u l-provvediment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u ta' kalkoli oħra

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 990 final.

Mehmuż: C(2026) 990 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 20.2.2026  
C(2026) 990 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta'20.2.2026**

**li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/577 fir-rigward tal-limitazzjoni tal-volum u l-provvediment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u ta' kalkoli oħra**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> (“MiFIR”) jirregola kif jaħdem in-negozjar fl-UE. L-aktar emendi leġiżlattivi reċenti tal-MiFIR ġew introdotti bir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> (“ir-rieżami tal-MiFIR”). Ir-rieżami tal-MiFIR neħħa l-ostakli ewlenin għall-ħolqien ta' tliet tapes konsolidati (CTs, consolidated tapes), wieħed għal kull waħda mill-klassijiet ta' assi li ġejjin: (i) bonds; (ii) ishma u fondi nnegozjati fil-borża (ETFs, exchange-traded funds); u (iii) derivattivi barra l-Borża (OTC, over-the-counter). Ir-rieżami tal-MiFIR tejjeb ukoll it-trasparenza u żied il-kompetittività tas-swieq tal-UE fix-xenarju globali. Peress li d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> (“MiFID II”) fiha wkoll dispożizzjonijiet dwar it-tapes konsolidati u t-trasparenza, id-Direttiva (UE) 2024/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> emendat il-MiFID II b'mod parallel mar-rieżami tal-MiFIR. Dawn iż-żewġ atti emendatorji ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fit-8 ta' Marzu 2024 u daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 2024.

Skont l-Artikolu 5 tal-MiFIR, l-użu ta' eżenzjonijiet mit-trasparenza għall-istrumenti ta' ekwità jenħtieġ li jiġi sospiż meta l-volum tan-negozjar f'dawn l-istrumenti jilħaq il-limiti stabbiliti, magħrufa wkoll bħala “l-limitazzjoni tal-volum”. Ir-rieżami tal-MiFIR introduċa emendi fl-Artikolu 5 tal-MiFIR biex jissimplifika l-użu tal-limitazzjoni tal-volum, b'mod partikolari billi jissostitwixxi l-limitazzjoni doppja tal-volum (DVC, double volume cap) b'limitazzjoni unika tal-volum għall-Unjoni kollha stabbilita għal 7 % tal-volum totali tan-negozjar fiċ-ċentri tan-negozjar kollha madwar l-UE matul it-12-il xahar preċedenti. Il-limitazzjoni unika tal-volum tapplika biss għal tranżazzjonijiet imwettqa taħt l-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza. Barra minn hekk, bil-ħsieb li jitnaqqas il-piż tar-rapportar għall-parteċipanti fis-suq, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) iddeċidiet li ma tkomplex bis-sistema tad-DVC u li tuża d-data tat-tranżazzjonijiet irrapportata skont l-Artikolu 26 tal-MiFIR biex twettaq kalkoli tal-limitazzjoni tal-volum<sup>5</sup>. Meta jitqiesu dawn il-bidliet, huwa meħtieġ li jiġi aġġornat ir-

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj>).

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ tat-trasparenza tad-data, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet (ĠU L, 2024/791, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/791/oj>).

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/2025-01-17>).

<sup>4</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L, 2024/790, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/790/oj>).

<sup>5</sup> L-ESMA wettqet Prova tal-Kunċett apposta biex tivvaluta jekk id-data tat-tranżazzjonijiet irrapportata f'konformità mal-Artikolu 26 tal-MiFIR tistax tintuża biex jitwettqu wkoll il-kalkoli tal-limitazzjoni tal-volum. Meta jitqiesu r-riżultati pożittivi ta' din il-valutazzjoni, l-ESMA ħadet id-deċiżjoni li tiddekummissjona s-sistema tad-DVC. Għal aktar dettalji, ara r-Rapport Finali dwar it-trasparenza tal-ekwità ppubblikat fis-16 ta' Diċembru 2024 ([ESMA74-2134169708-7636 Final Report on equity transparency](https://www.esma.europa.eu/press/news/19-12-2024/esma-74-2134169708-7636-final-report-on-equity-transparency)).

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/577<sup>6</sup> dwar il-mekkaniżmu tal-limitazzjoni tal-volum u l-provvediment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u kalkoli oħra.

## 2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

F'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010, l-ESMA wettqet konsultazzjonijiet<sup>7</sup> pubbliċi miftuħa mal-partijiet ikkonċernati qabel ma ppreżentat l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji (RTSs, regulatory technical standards) lill-Kummissjoni. Ikkonsultat ukoll lill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq (SMISG, Securities and Markets Stakeholders Group). L-ESMA wettqet analiżi tal-kostijiet-benefiċċji, li ġiet inkluża fir-rapport finali flimkien mal-eżitu tal-attivitajiet ta' konsultazzjoni<sup>8</sup>. Hija bagħtet ir-rapport finali lill-Kummissjoni f'April 2025. Sussegwentement, l-ESMA kkonsultat lill-pubbliku dwar approċċ komprensiv biex jiġi ssimplifikat ir-rapportar tat-tranżazzjonijiet finanzjarji<sup>9</sup>. Dik il-konsultazzjoni taffettwa l-kontenut ta' dawn l-RTSs, peress li l-ESMA ddeċidiet li tissospendi d-deċiżjoni preċedenti tagħha li ma tkomplex bil-ġbir tad-data ta' referenza għall-fini tal-kalkoli tat-trasparenza fis-Sistema ta' Trasparenza tal-Istrumenti Finanzjarji (FITRS, Financial Instruments Transparency System). B'mod partikolari, l-ESMA talbet lill-Kummissjoni biex tneħħi l-klawżola ta' estinzjoni rilevanti minn dawn l-RTSs.

## 3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

- L-Artikolu 1 jintroduċi l-emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2017/577.
- L-Artikolu 2 jiddikjara meta dan ir-Regolament Delegat jidħol fis-seħħ.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/577 tat-13 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-mekkaniżmu tal-limitazzjoni tal-volum u l-provvediment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u ta' kalkoli oħra (ĠU L 087 31.3.2017, p. 174–182, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2017/577/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/577/oj)).

<sup>7</sup> Id-dokument ta' konsultazzjoni huwa disponibbli hawnhekk: [https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-07/ESMA74-2134169708-7011\\_MiFIR\\_Review\\_CP\\_3.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-07/ESMA74-2134169708-7011_MiFIR_Review_CP_3.pdf)

<sup>8</sup> ESMA, Final report on Systematic Internaliser notification (new ITS), on the volume cap and transparency calculations (RTS 3) and circuit breakers (new RTS 7a) huwa disponibbli fuq: [ESMA74-2134169708-7780 Final Report on SI notification volume cap and circuit breakers.pdf](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-07/ESMA74-2134169708-7780_Final_Report_on_SI_notification_volume_cap_and_circuit_breakers.pdf)

<sup>9</sup> Is-sejħa għal evidenza hija disponibbli fuq: [Streamlining financial transaction reporting: ESMA calls for input](https://www.esma.europa.eu/sites/default/files/2024-07/ESMA74-2134169708-7780_Final_Report_on_SI_notification_volume_cap_and_circuit_breakers.pdf)

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'20.2.2026

## li jemenda l-istandards tekniċi regolatorji stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2017/577 fir-rigward tal-limitazzjoni tal-volum u l-provvediment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u ta' kalkoli oħra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012<sup>10</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(9) u l-Artikolu 22(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Id-Direttiva (UE) 2024/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>11</sup> emendat id-definizzjoni ta' "internalizzatur sistematiku" stabbilita fl-Artikolu 4(1), il-punt (20) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup>. Dik l-emenda ssostitwiet il-kriterji kwantitattivi biex jiġi ddeterminat x'jikkostitwixxi bażi frekwenti, sistematika u sostanzjali b'valutazzjoni kwalitattiva kif ukoll illimitat din il-valutazzjoni għall-istrumenti ta' ekwità biss, filwaqt li ħalliet il-possibbiltà għal ditta tal-investment li tagħżel li ssir internalizzatur sistematiku għall-istrumenti mhux ta' ekwità. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġi ttrasferit mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/577<sup>13</sup> l-obbligu għaċ-ċentri tan-negozjar, għall-arranġamenti ta' publikazzjoni approvati (APAs, approved publication arrangements) u għall-fornituri ta' tape konsolidat (CTPs) li jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom id-data meħtieġa biex iwettqu l-kalkoli stabbiliti fl-Artikoli minn 12 sa 15 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565<sup>14</sup> li ntużaw biex jiġi vvalutat jekk il-kriterji kwantitattivi rilevanti ġewx issodisfati.

<sup>10</sup> ĠU L 173, 12.6.2014, p. 84, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2014/600/oj>.

<sup>11</sup> Id-Direttiva (UE) 2024/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li temenda d-Direttiva 2014/65/UE dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji (ĠU L, 2024/790, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2024/790/oj>).

<sup>12</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj>).

<sup>13</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/577 tat-13 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-swieq tal-istrumenti finanzjarji fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-mekkaniżmu tal-limitazzjoni tal-volum u l-provvediment ta' informazzjoni għall-finijiet ta' trasparenza u ta' kalkoli oħra (ĠU L 87, 31.3.2017, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2017/577/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/577/oj)).

<sup>14</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2017/565 tal-25 ta' April 2016 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward rekwiżiti organizzazzjonali u kundizzjonijiet għall-operat għal ditti tal-investment u termini definiti għall-finijiet ta' dik id-Direttiva (ĠU L 87, 31.3.2017, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2017/565/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2017/565/oj)).

- (2) Għall-finijiet ta' trasparenza u kalkoli oħra, id-data bħalissa hija rrapportata bl-użu tal-format XML. Sabiex tiġi riflessa l-prattika superviżorja attwali, jenħtieġ li r-Regolament Delegat (UE) 2017/577 jiġi emendat biex jispeċifika li l-format XML jenħtieġ li jintuża għad-data li tiġi rrapportata biex jitwettqu l-kalkoli li jseħħu f'dati stabbiliti minn qabel jew fi frekwenzi definiti minn qabel.
- (3) L-awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) u l-awtoritajiet kompetenti jista' jkollhom bżonn jitolbu data fuq bażi *ad hoc* miċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs bħala parti mill-valutazzjoni ta' trasparenza ta' qabel in-negozjar u ta' wara n-negozjar u r-reġimi tal-obbligu ta' negozjar. Sabiex jippermettu t-twassil effiċjenti tad-data u l-konsolidazzjoni ma' data simili minn sorsi oħra, jenħtieġ li l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti, fil-każ ta' talbiet għal data *ad hoc*, ikunu jistgħu jispeċifikaw il-format li fih jenħtieġ li tiġi ppreżentata d-data. Sabiex jiġi minimizzat il-piż għall-parteċipanti fis-suq, l-ESMA u l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jiddependu kemm jista' jkun fuq settijiet tad-data eżistenti, inkluża d-data tat-tranżazzjonijiet irrapportata f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, u jirrikorru għal talbiet għal data *ad hoc* meta jkun meħtieġ biss.
- (4) Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup> emenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 billi estenda għal 5 snin l-obbligu li l-operaturi ta' ċentri ta' negozjar, APAs u CTPs jżommu rekords. Dik l-emenda jenħtieġ li tkun riflessa fir-Regolament Delegat (UE) 2017/577.
- (5) L-ESMA vvalutat jekk id-data tat-tranżazzjonijiet irrapportata f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 tistax tintuża biex jiġi kkalkolat il-volum totali tan-negozjar fi strument finanzjarju fl-Unjoni u l-perċentwal tan-negozjar fi strument finanzjarju fl-Unjoni mwettaq skont l-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament. Meta jitqiesu r-riżultati pożittivi ta' dik il-valutazzjoni u l-ħtieġa li jitnaqqas il-piż tar-rapportar għall-parteċipanti fis-suq, l-ESMA ħabbret li d-data tat-tranżazzjonijiet irrapportata f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 se tintuża biex tipprovdi kejl preċiż tal-volum totali tan-negozjar għal kull strument finanzjarju u l-perċentwali tan-negozjar skont l-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza madwar l-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament. Għaldaqstant, l-Artikolu 6 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/577 dwar ir-rekwiżiti ta' rapportar għaċ-ċentri tan-negozjar u s-CTPs għall-fini tal-mekkaniżmu tal-limitazzjoni tal-volum, kif ukoll ir-rekwiżiti għall-awtoritajiet kompetenti biex jirrapportaw lill-ESMA għall-finijiet tal-mekkaniżmu tal-limitazzjoni tal-volum stabbilit fl-Artikolu 7, jenħtieġ li jitħassar. L-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2017/577, li jistabbilixxi l-formati tar-rapport għall-fini tal-mekkaniżmu tal-limitazzjoni tal-volum, jenħtieġ li jitħassar ukoll.
- (6) L-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/577 jirrikjedi li l-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lill-ESMA bid-data li jkunu rċevew minn ċentru tan-negozjar, APA jew CTP għall-fini tal-obbligu ta' negozjar għad-derivattivi. Sabiex tiġi riflessa l-prattika superviżorja attwali, fejn iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs jissottomettu d-data direttament lill-ESMA, jenħtieġ li minflok ikun meħtieġ rapportar dirett tad-data lill-ESMA.

<sup>15</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 600/2014 fir-rigward tat-tisħiħ ta' trasparenza tad-data, l-eliminazzjoni ta' ostakli għall-emerġenza ta' tapes konsolidati, l-ottimizzazzjoni tal-obbligi ta' negozjar u l-projbizzjoni li jiġi riċevut pagament għall-fluss tal-ordnijiet (ĠU L, 2024/791, 8.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/791/oj>)

- (7) L-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 dwar il-limitazzjoni tal-volum ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/791 billi ġiet sostitwita l-limitazzjoni doppja tal-volum b'limitazzjoni unika tal-volum għall-Unjoni kollha stabbilita għal 7%. Ir-Regolament (UE) 2024/791 neħħa wkoll mill-ambitu tat-tranżazzjonijiet soġġetti għal-limitu tal-volum lit-tranżazzjonijiet imwettqa skont l-eżenzjoni msemija fl-Artikolu 4(1), il-punt (b)(i), tar-Regolament Nru 600/2014 (eżenzjoni għat-tranżazzjonijiet innegozjati għall-istrumenti likwidi), u ppermetta liċ-ċentri tan-negozjar jissospendu l-użu tal-eżenzjoni msemija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament (eżenzjoni tal-prezz ta' referenza) abbażi tad-data tan-negozjar ippubblikata mill-ESMA fuq bażi trimestrali. Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup> introduċiet definizzjoni armonizzata ta' "format li jinqara mill-magni" applikabbli għall-korpi tas-settur pubbliku. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Artikolu 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2017/577 dwar ir-rekwiżiti ta' pubblikazzjoni għall-ESMA għall-finijiet tal-limitazzjoni tal-volum jiġi emendat biex jirrifletti dawk il-bidliet.
- (8) Għaldaqstant, ir-Regolament Delegat (UE) 2017/577 jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq.
- (9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji preżentati lill-Kummissjoni mill-ESMA.
- (10) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>17</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

#### **Emendi tar-Regolament Delegat (UE) 2017/577**

Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/577 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 1, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
- (a) jitħassar il-punt (e);
- (b) il-punti (f) u (g) huma sostitwiti b'dan li ġej:
- “(f) id-daqs standard tas-suq applikabbli għall-internalizzaturi sistematiċi li jinnegozjaw fi strumenti ta' ekwità u strumenti simili għall-ekwità;
- (g) għal strumenti ta' ekwità u strumenti simili għall-ekwità, il-volum totali ta' negozjar fl-Unjoni għal kull strument finanzjarju fit-12-il xahar preċedenti u l-perċentwali ta' negozjar f'kull strument finanzjarju mwettaq madwar l-Unjoni taħt l-eżenzjoni msemija fl-Artikolu 4(1), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 fit-12-il xahar preċedenti;”;

<sup>16</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj>).

<sup>17</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84. ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj>).

- (2) l-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 2*

**Kontenut tat-talbiet tad-data u informazzjoni li għandha tiġi rapportata**

1. Għall-kalkoli li jokkorru f'dati stabbiliti minn qabel jew fi frekwenzi definiti minn qabel, iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs għandhom jipprovdu lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bid-data kollha meħtieġa biex iwettqu l-kalkoli stabbiliti fir-Regolamenti li ġejjin:

- (a) Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/587;
- (b) Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/583;
- (c) Ir-Regolament Delegat (UE) 2017/567.

2. It-talbiet mill-ESMA u mill-awtoritajiet kompetenti għal informazzjoni *ad hoc* għall-finijiet tal-Artikolu 22(1) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu jkun fihom l-isem tal-entità relatriċi u kwalunkwe dettall meħtieġ għall-fini tat-talba.

3. Iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, u s-CTPs għandhom, fuq talba, jipprovdu lill-ESMA u lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom bid-data kollha li l-ESMA għandha tqis skont ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2020 għall-istrumenti finanzjarji mhux tal-ekwità, inkluża data dwar dan li ġej:

- (a) il-frekwenza medja tan-negozjar;
- (b) id-daqs medju u d-distribuzzjoni tan-negozjar;
- (c) l-għadd u t-tip tal-parteciċipanti tas-suq;
- (d) id-daqs medju tal-marġnijiet.”;

- (3) fl-Artikolu 3, jitħassar il-paragrafu 3;

- (4) l-Artikoli 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

*“Artikolu 4*

**Format tat-talbiet tad-data**

1. Iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs u s-CTPs għandhom jippreżentaw id-data msemmija fl-Artikolu 2(1) f'format XML komuni.

2. Iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, u s-CTPs għandhom jippreżentaw id-data msemmija fl-Artikolu 2, (2) u (3), fil-format speċifikat fit-talba.

*Artikolu 5*

**It-tip ta' data li għandha tinħażen u l-perjodu ta' żmien li ċentri tan-negozjar, APAs u CTPs għandhom jaħżnu d-data**

1. Iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, u s-CTPs għandhom jaħżnu d-data kollha meħtieġa biex iwettqu l-kalkoli msemmija fl-Artikolu 2(1) għal 5 snin, irrISPettivament minn jekk dik l-informazzjoni tkunx saret pubblika.

2. Iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, u s-CTPs għandhom jaħżnu d-data kollha li l-ESMA jew l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitolbu f'konformità mal-Artikolu 2, (2) u (3), għal 5 snin, irrISPettivament minn jekk dik l-informazzjoni tkunx saret pubblika.”;

- (5) jitħassar l-Artikolu 6;

(6) l-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 7*

**Rekwiżiti ta' rapportar għaċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, u s-CTPs lill-ESMA għall-obbligu ta' negozjar għad-derivattivi”;**

(b) jitħassar il-paragrafu 1;

(c) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Iċ-ċentri tan-negozjar, l-APAs, u s-CTPs għandhom, mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn 3 ijiem tax-xogħol wara li jirċievu d-data kkonċernata, jippreżentaw lill-ESMA d-data għad-determinazzjoni ta' jekk id-derivattivi humiex likwidi biżżejjed kif imsemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (h).”;

(7) l-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*“Artikolu 8*

**Rekwiżiti ta' pubblikazzjoni għall-ESMA għal-limitazzjoni tal-volum**

1. L-ESMA għandha tippubblika l-kejl tal-volum totali ta' kummerċ għal kull strument finanzjarju fit-12-il xahar preċedenti u tal-perċentwali tan-negozjar skont l-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza madwar l-Unjoni fit-12-il xahar preċedenti, f'konformità mal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, sa mhux aktar tard mill-22.00 CET fis-7 jum tax-xogħol wara l-aħħar ta' Marzu, Ġunju, Settembru u Diċembru ta' kull sena kalendarja.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ippubblikata mingħajr hłas u f'format li jinqara mill-magni u mill-bniedem kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (4), tar-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill\*, u kif speċifikat fl-Artikolu 13(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2017/567.

3. Meta strument finanzjarju jiġi nnegozjat f'aktar minn munita waħda madwar l-Unjoni, l-ESMA għandha tikkonverti l-volumi kollha f'euro bl-użu tar-rati tal-kambju medji kkalkulati abbażi tar-rati tal-kambju ta' referenza barrani tal-euro ppubblikati ta' kuljum mill-Bank Ċentrali Ewropew fuq is-sit web tiegħu fit-12-il xahar preċedenti. L-ESMA għandha tuża dawk il-volumi konvertiti għall-kalkolu u l-pubblikazzjoni tal-volum totali tan-negozjar u tal-perċentwali tan-negozjar skont l-eżenzjoni tal-prezz ta' referenza madwar l-Unjoni, kif imsemmi fil-paragrafu 1.

---

\* Ir-Regolament (UE) 2023/2859 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2023 li jstabbilixxi punt ta' aċċess uniku Ewropew li jipprovdi aċċess ċentralizzat għal informazzjoni disponibbli pubblikament ta' rilevanza għas-servizzi finanzjarji, is-swieq kapitali u s-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2859, 20.12.2023, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2859/oj>). ”;

(8) l-Anness jitħassar.

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 20.2.2026

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
*Ursula VON DER LEYEN*